MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2013

Numru. 240/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Charlton Debono**

Kaz Numru: 240/13

Illum 10 ta’ Dicembru 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Charlton Debono**, bin Joseph u Maria Dolores neé Bugeja, imwieled fil-11 ta’ Awissu 1984, residenti 2, Triq ir-Rabat, Nadur, detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru 31784(G),

akkuzat talli nhar is-7 ta' April 2013 ghall-habta ta' 03.35hrs gewwa Triq ir-Rabat, Nadur, Ghawdex, waqt li kien isuq vettura DEB 884 tal-ghamla Hyundai:

1. saq l-vettura b'mod negligenti;

2. ghamel uzu jew kellu kontroll ta' vettura DEB 884 ta' ghamla Hyunadi fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

3. rrifjuta jew naqas milli jaghti skond il-ligi kampjun tan-nifs jew tal-urina;

4. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fil-professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti habat ma' vettura SIM 101 ta' ghamla Volkswagen u kkaguna hsarat ghad-dannu ta' Paul Thomas Caruana (I.D. 16809L)

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'diversi imputazzjonijiet relatati mas-sewqan tieghu dakinhar tas-7 ta' April 2013 fejn huwa kien involut f'incident ta' traffiku ma' vettura bin-numru SIM 101 li kienet wieqfa bil-*hazard lights* mixghula u li kienet tinsab hekk minhabba li vettura ohra kienet involuta f'incident iehor stradali.

**Ikkunsidrat**

Illi, a rigward id-dinamika ta' kif sehh l-incident, gew ezebiti diversi affidavits ta' ufficjali tal-Pulizija li raw il-vettura tal-imputat tahbat mal-vettura wieqfa u li kellha l-*hazard lights* u d-*dim* mixghula. Peress illi kien hemm suspett li l-imputat kien qed isuq taht l-effett tal-alkohol, dan sarlu test tan-nifs pero, skond dak li qalu l-Pulizija, peress li l-imputat ma bediex jonfoh sew, it-*test* immarka li ma kienx hemm nifs bizzejjed.

Illi, l-Qorti semghet ukoll lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju u lix-xhieda minnu prodotti.

**Ikkunsidrat**

Illi, fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, il-Qorti ma tistax tifhem kif l-imputat ma kienx induna bil-vettura wieqfa bil-*hazard lights* u d-*dim* mixghula fit-triq, bil-konsegwenza li l-imputat baqa' diehel fiha, mess mal-vettura l-ohra li kien hemm maqluba u nqaleb u habat gol-hajt. M'hemmx dubju li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront giet sodisfacentement pruvata.

Illi, fir-rigward tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet, il-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jan Spiteri** u **Il-Pulizija vs. Raymond Parnis**, moghtija fit-22 ta' Ottubru 2008 u fit-2 ta' Mejju 2012 rispettivament. Apparti minn dan, riferenza ghandha ssir ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Keith Aquilina**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Novembru 2009, fejn il-Qorti qalet hekk :

*"Ir-"reading" tar-"road side test" wahdu mhuwiex bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni dwar il-htija dwar ir-raba' akkuza, w dan l-ahhar din il-Qorti kellha okkazzjoni biex tippronuncja ruhha f'dan ir-rigward f'kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs. Jan Spiteri*** *deciza fit-22 t'Ottubru, 2009 u wasslet ghall-konkluzzjoni illi l-fatt li l-appellant kellu riha qawwija ta' xorb mhiex prova illi hu ma kienx f'kondizzjoni li jsuq. Din id-decizjoni ghal min m'huwiex intiz fil-Ligi tista' tidher stramba peress illi bniedem xurban ma jistax ikollu l-kontroll shih tal-vettura. Pero' dina hija assunzjoni illi ma tistax treggi fil-kamp kriminali fejn il-provi huma kollox u jridu jwasslu sal-grad ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni w sakemm il-Ligi tibqa' kif inhi, din il-Qorti thoss illi ghandha jsegwi l-insenjament ta' decizjonijiet precedenti in materia".*

Illi, tenut kont tal-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tlitt decizjonijiet kwotati hawn fuq, il-Qorti ma

jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat li t-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet gew sodisfacentement pruvati u ghaldaqstant l-imputat ghandu jigi liberat minnhom.

Illi, fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni, ghandu jinghad li fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2013 gie verbalizzat li Paul Thomas Caruana kien informa l-Qorti li huwa kien thallas mill-imputat tal-hsarat kagunati fil-vettura tieghu u ghazel li jirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli da parti tieghu fil-konfront tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, fuq nuqqas ta' provi, tillibera lill-imputat mit-tieni (2) u mit-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, tiddikjara l-procediment ezawriet fil-konfront tar-raba' (4) imputazzjoni, *stante* rinunzja, u wara li rat Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni u tikkundannah multa ta' mitt Euro (€ 100).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------